# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 8 ta' April, 2024.**

**Kawża Nru. 31**

**Rik. Nru. 11/2019 ISB**

**DQR Limited (C84784)**

**DQR-COMPLY Limited (C86368)**

**DQR-MARKETS Limited (C86369)**

**DQR-MEDIA Limited (C86367)**

**DQR-Services Limited (C86366)**

**DQR-X Limited (C84839)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li ppreżentat ir-Riċevitur Uffiċjali, bħala stralċjarju tal-kumpanniji xjolti **DQR Limited (C84784), DQR-COMPLY Limited (C86368), DQR-MARKETS Limited (C86369), DQR-MEDIA Limited (C86367), DQR-Services Limited (C86366)** u **DQR-X Limited (C84839)** li permezz tiegħu talbet, wara li tat rendikont tax-xogħol mwettaq mill-uffiċċju tagħha, sabiex jiġi ffissat ammont li għandu jitħallas lill-istralċarju bħala spejjeż u remunerazzjoni dovuti lilha għax-xogħol minnha mwettaq fir-rigward tas-sitt kumpanniji msemmija.

Rat l-atti tal-istralċ.

Billi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta' stralċjarju.

Billi l-Qorti hija tal-fehma li l-istralċjarju għandha titħallas l-ammont ta' **elfejn Ewro (€2,000) għal kull kumpannija msemmija**, liema ammont għandu jinkludi kwalsiasi spejjeż li nkorriet l-istess Riċevitur Uffiċjali u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jekk applikabbli, iżda jeskludi d-drittijiet illi talvolta jistgħu jiġu ntaxxati mir-Reġistratur tal-Qorti fir-rigward ta' dawn l-odjerni proċeduri.

**GĦALDAQSTANT,** in vista ta' dak hawn fuq espost, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-istralċjarju, billi**:**

1. **Tistabilixxi** l-ammont ta' **elfejn Ewro (€2,000) għal kull kumpannija msemmija** bħala r-rimunerazzjoni tagħha, liema ammont għandu jikkomprendi kwalsiasi spejjeż li nkorriet għall-fini tal-esekuzzjoni tal-inkarigu tagħha u t-taxxa fuq il-valur miżjud jekk applikabbli iżda jeskludi d-drittijiet illi talvolta jistgħu jiġu ntaxxati mir-Reġistratur tal-Qorti fir-rigward ta' dawn l-odjerni proċeduri.

2. **Tordna** li l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrenti u mill-kumpanija intimata flimkien u *in solidum* bejniethom bejniethom u b'dan illi, sa fejn possibbli, il-ħlas isir mill-attiv tal-kumpanniji kif dikjarati fin-noti finali tal-istralċjarju u liema attiv jinsab fil-pussess tal-istess stralċjarju.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**